Minuti tal-laqgħa (26) sitta u għoxrin, tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, (KLR) li nżammet nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Mejju, 2026 fil-5.30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| Is-Sur Terrence Sant | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| Is-Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

26.01 **Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

Presedenza u Ittri ta' Apoloġija

Is-Sur Norbert Grech ħalla risposta mas-Sur Rudolph Grima li daħal aktar tard u mhux issa, illi ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa għaliex is-Sur Grech inqabad fuq xogħol. Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sandro Craus u l-membri qalu t-talba flimkien. Il-laqgħa bdiet bl-ewwel ħames kunsillieri murija hawn fuq li kienu preżenti. Aktar tard, fil-6.30pm daħal is-Sur Nazju Cassar. Is-Sur Cassar oġġezzjona illi l-laqgħa kienet bdiet fl-assenza tiegħu. Hu argumenta li avża lil xi kunsilliera biex il-laqgħa ma tibdiex sakemm hu imur jiċċekkja jekk il-karozza hix imsakkra. Indirizza lil Kunsillieri Terrence Sant u Charmaine Balzan qallhom li ma qabilx li l-laqgħa kellha tibda mingħajru.

26.02 **Approvar tal-Minuti numru erbgħa u għoxrin (24)**

Minuti 24

Il-Minuti kienu mressqa għall-vot wara li kien hemm korrezzjoni fl-isem tas-Sa Charmaine Balzan. Dawn tressqu mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u kienu ssekondati mil-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u kienu approvati unanimament.

**Punti Oħra**

26.02.01 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq l-applikazzjoni li għamel il-KLR mal-PWD biex jitwaħħlu arbli solari fi Vjal il-Ħaddiem. Hu qal li dan ix-xogħol hu prattikament lest. Infatti l-20 arblu twaħlu kollha

Arbli solari u dwal tat-triq

u l-wiring għadda kollu. Tajjeb wieħed jgħid li dawn l-arbli ser ikunu mqabbda mas-sistema tad-dawl biex f'każ ma' jkunx hemm enerġija ġġenerata mix-xemx ikunu xorta jistgħu jixgħelu. Hawn qamet il-mistoqsija kif ħa taħdem is-sistema eżatt. Is-Sindku iċċara l-punt u qal li l-arbli ser jaħdmu bl-enerġija solari u l-enerġija ż-żejda ser tmur fil-grid tal-gvern. B'hekk barra li qed ninvestu f'enerġija nadfa qed nikontribwixxu biex inżidu l-enerġija nadifa.

26.02.02 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus aġġorna lill-kunsillieri bix-xogħol li qed isir fuq is-Saqqajja minn Vjal Kulħadd propju bejn il-BOV u l-HSBC. Hu qal li x-xogħol waqa' lura għaliex instabu sebgħa siti żgħar ta' valur storiku u l-*Heritage Monitor* kien issospenda x-xogħol għal diversi ġimgħat. Dan wassal biex ir-ritmu tax-xogħol naqas u allura ż-żmien miftiehem ser jinqabeż. Din il-ġimgħa ingħatat il-*clearance* min naħa tal-SCH biex ix-xogħol jitkompla. Saqqajja

26.02.03 Kien dikjarat mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus illi l-proġett ta' tisbiħ fuq iz-zuntier tal-Kappella ta' Qasgħa issa hu konkluż b'suċċess. Waħħalna l-bankijiet u l-bins u barra minn hekk l-arbli tad-dawl li nstallajna issa kollha qed jixgħelu. Minn żona mitluqa issa għandna ġnien ieħor żgħir għar-residenti tal-madwar. Ta' Qasgħa

26.03 **Skeda tal-Pagamenti numru 381** SOP 381

L-iskeda tal-pagamenti numru 381 kienet approvata b'vot unanimu.

* Is-Sur Nazju Cassar li daħal issa fis-6.30pm flimkien mas-Sur Rudolph Grima kellu oġġezzjoni għaliex il-laqgħa bdiet mingħajru li tfaċċa fil-bidu tagħha u reġa' mar ħareġ mis-sala tal-Kunsill biex jaqfel il-karozza u għaldaqstant ma kienx uffiċjalment preżenti sas-6.45pm. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil-laqgħa li la hawn kworum seta jibda l-laqgħa. Hu qal li kellu oġġezzjonijiet għall-iskeda tal-pagamenti minħabba numru ta' xogħlijiet li qal li inħarġu b'*direct order* biex inqata' l-ħaxix ħażin is-sena l-oħra. Infatti hu insista mas-Segretarju Eżekuttiv biex fil-minuti jinkiteb li hu oġġezzjona għall-minuti u għall-iskeda ta' pagamenti u li għandu jitniżżel li ma approva xejn. Is-Sindku Sandro Craus qabel u aċċetta l-oġġezzjoni tas-Sur Nazju Cassar u infurmaħ li għandu dritt ma jaqbilx però m'għandux bżonn jgħolli leħnu u juri rabja li ma hemmx għalfejn tiġi trasmessa f'laqgħa tal-Kunsill. Is-Sur Cassar skuża ruħu mal-kunsilliera u l-laqgħa kompliet. Intant, is-SE qabel mal-proposta tas-Sur Cassar li tingħata kopja tal-liġi tal-Kunsilli Lokali lill-kunsillieri kollha.

26.04 **Skeda tax-Xiri ta' oġġetti, servizzi u xogħlijiet numru 98** Skeda tax-xiri ta' oġġetti u servizzi

L-iskeda tax-xiri u tas-servizzi numru 98 kienet approvata b'vot unanimu.

26.05 **Servizzi tas-Saħħa Mentali mil-Kunsill** Saħħa mentali

Is-SE qal li kien avviċinat mid-Direttur, is-Sur Galea, tad-Dipartiment Gvern Lokali biex tibda' tingħata għajnuna *one-to-one* fil-kura tas-saħħa mentali. Dawn kienu murija il-fond 7, Triq l-Isptar u ma

għoġobhomx u imbgħat kif raw il-kmamar ta' fuq fejn qed tinżamm din il-laqgħa, riedu jużawhom għal dan is-servizz personalizzat. Ma kienx hemm oġġezzjoni mil-kunsilliera biex jingħata dan is-servizz.

26.06 **Ftehim Libreriji Pubbliċi** Librerija Pubblika

Il-ftehim tal-librerija pubblika ma kienx approvat għaliex il-KLR jidhirlu li qed jagħti għajnuna biżżejjed billi il-komun iżommu nadif flimkien mal-librerija pubblika u l-lift tal-passiġġieri. Din hija spiża konsiderevoli u l-KLR ma jħossx li għandu jżid is-servizzi u jestendi l-ħinijiet.

** Is-Sa Graziella Brincat telqet mil-laqgħa fis-6.55pm

26.07 **Propost Kors ieħor fit-tħaddim tal-AED** AED

Għall-kors tal-użu tal-AED, hemm ix-xewqa li jsir din id-darba għar-residenti wara li dak għall-Pulizija kien miżmum b'suċċess. Il-Viċi Sindku, s-Sur Matthew Chetcuti saħaq fuq l-importanza li tnejn mill-istaff tal-KLR ikunu wkoll imħarrġa fl-użu ta' dan it-tagħmir. Hu issuġġerixxa tnejn mill-istaff għar-raġuni li diġa' għandna staff jaħdem bit-telework li ma jkunux preżenti u wkoll il-leave tal-ħaddiema.

26.08 **Ftuħ tal-offerta pubblika: Tender for the laying of stone slabs supplied by the Rabat (Malta) Local Council including hardstone, lavastone, marble or other stone materials**. Tender

Peress li din l-offerta intefgħet minn kumpanija waħda għall-valur ta' €1,000,793.50, is-SE kien mitlub sabiex jistaqsi lil din il-kumpanija jekk sarx xi żball peress li l-istima kienet ta' €124,750.00.

*** Is-Sur Paul Grech telaq mil-kamra fis-7.30pm

26.09 **Tisħib ma' Ponteareas, Spanja - Sejħa: CREA-CULT-2026-COOP; (European Cooperation projects) Topic: CREA-CULT-2026-COOP-1 f'HERITAGE ALIVE EUROPE** Ponteareas

Il-Kunsillier Rudolph Grima saħaq fuq l-importanza li hu jkun involut aktar fejn jidħlu ġemellaġġi. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus wieġeb li f'dawn l-inizjattivi dejjem informa lis-Sur Grima u lill-kunsilliera u qal li kemm f'dan il-każ ta' Ponteareas u kif ukoll ta' L'Isle Adam u Solarino dejjem involva lis-Sur Grima. Tant hu hekk li għal-lagħa importanti li saret fl-assenza tiegħu *on line* ma' Ponteareas, hu inkariga lis-Sur Rudolph Grima jmexxi l-laqgħa hu u jiddeċiedi f'isem il-Kunsill. Dan seħħ ukoll fil-preżenza tas-SE. Infatti kien iffirmat tisħib flimkien mal-Portugal u Spanja għal dan il-proġett. Intqal ukoll li l-Kunsill ma jistax ikun rappreżentat fil-bidu ta' Ġunju ġewwa din il-belt fi Spanja għaliex sirna nafu bl-istedina uffiċjali tard u ma nqatgħux il-biljetti tal-ajru u l-lukandi. B'dan kollu se jkun ukoll infurmat l-Arċipriet li kien imdaħħal f'dan it-tisħib peress li f' Ponteareas tiġi ċċelebrata l-festa ta' Corpus. Hawn ukoll tiġi ċċelebrata l-festa billi tiġi organiżżata infjorata.

26.10 **Jum ir-Rabat 2026**

S'issa kien konfermat is-sit, (quddiem ta' Ġieżu) u infurmajna bih kemm lill-Gwardjan tal-Knisja ta' Ġieżu, kif ukoll il-Pulizija. Se ssir laqgħa dwar dan kollu nhar l-Erbgħa, 27 ta' Mejju, 2026 bejn l-istaff u s-Sa Charmaine Balzan.

Jum ir-Rabat

26.11 **Ftehim ma' Project Green dwar Manutenzjoni ta' Għeriexem (Landscaping)**

Bil-maltempata *Storm Harry*, inħarqu ħafna siġar speċjalment bl-irjiħat u s-silġ li waqa' f'dawn l-inħawi tant li kellha tingħalaq it-triq ukoll. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus kien ressaq talba lil *Project Green* biex jidħlu għall-finanzjament tal-manutenzjoni ta' dan il-landscaping f'dan is-sit. Hawn ser jintħawlu siġar fil-konok eżistenti u pjanti wkoll. Barra minn hekk ser tiġi *upgraded* is-sistema tal-irrigazzjoni biex b'hekk inserrħu moħna li s-siġar ikunu qed jissaqqew b'mod regolari. Inġiebet stima mingħand IO Project, il-kuntrattur tal-Kunsill u li din ġiet aċċettata. Il-valur jilħaq l-€40,000. Projects Green bagħatu l-kuntratt biex jiġi iffirmat u ntrabtu li jħallsu nofs l-ammont ta' dan il-proġett. Il-KLR approva unanimament din l-inizjattiva għal dan it-tisħib ma' din l-entità u qabel li jiġi iffirmat dan il-ftehim.

Għeriexem Landscaping minn Project Green

26.12 **Audited Financial Statements 2025**

Dawn ma waslux mingħand l-Udituri u għaldaqstant is-suġġett kien pospost għall laqgħa oħra.

Audited Financial Statements

26.13 **Approvazzjoni tal-Permessi tal-Kabbani (Festa San Pawl)**

Il-permessi tal-kabbani kienu approvati minbarra dawk li kellmitna fuqhom is-Supritendent tal-Għassa tar-Rabat minħabba sigurtà fil-festa ta' San Pawl: tnejn tal-qubbajd u ieħor ta' l-imwejjed u s-siġġijiet.

Kabbani

**26.14** **Punti Oħra**

26.14.01 Is-Sur Rudolph Grima staqsa għaliex il-KLR mhux se jħalli jarmaw lil tal-Monti fil-5 ta' Lulju nhar San Pawl. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi diġa' infurmajnihom li fil-festa ta' San Pawl waqt il-marċ ta' filgħodu ma jagħmilx sens li noħolqu riskju żejjed f'każ li jinqala xi aċċident u tkun trid tidħol ambulanza flimkien mal-istaff mediku.

~~Monti vs Kabbani~~

26.14.02 Aktar kmieni is-Sur Rudolph Grima tħalla' jistaqsi qabel il-ħin għal punti oħra sabiex f'isem is-Sur Norbert Grech issir talba għal miżuri ta' tnaqqis ta' veloċità fit-triq tal-Imtaħleb/Bieb ir-Ruwa. Is-SE qal li f'isem il-Kunsill se jerġa' jagħmel talba formali biex jitneħħa l-irħam li hemm skjerat fit-triq minħabba li hemm periklu kbir bih. Hawn il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Miżuri ta' sigurtà u infurzar

26.14.03 F'dan il-waqt is-SE ingħata stima mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus biex issir biex jitnaqqas jew jiġi eliminat l-abbuż fl-għelieqi tal-bdiewa. Din il- *gate* ser tiġi nstallat fuq art li hija pubblika fi Triq Tal-Virtù. Din il-*gate* hija tal-ħadid u tifred il-parti privata mill-art pubblika. Dan is-suġġeriment kienet għamlitu is-Sa Charmaine Balzan f'laqgħa preċedenti fejn il-kunsill kien approva unanimament. — Gate f'Tal-Virtù

26.14.04 Is-Sur Nazju Cassar tkellem fuq l-importanza li jsir it-tindif fl-inħawi rurali fil-Wied tal-Isqof, Triq it-Tiġrija (minħabba li ġejja l-Imnarja) u Triq taċ-Ċawla. Is-Sur Nazju Cassar qal li kull direct order hu suġġett għal-iskrutinju mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika biex jiġi assikurat li ma joħorġux direct orders biex il-Kunsill ma jaqsamx il-kuntratt f'valuri żgħar biex tkun evitata tender. — Tindif ta' toroq

26.14.05 Is-Sur Terrence Sant tkellem fuq il-ħsara fuq faċċata ta' dar li saret fi Triq Santa Barbara kantuniera ma' Triq Pierre Muscat. Il-kunsillieri tkellmu fit-tul dwar dan il-każ tas-Sa Edwina Bonavia. Is-Sur Sant qal li ħadd ma ħa r-responsabbilità ta' din il-ħsara, la l-Korporazzjoni Enemalta u lanqas il-kuntrattur tal-Kunsill. Il-valur hu ta' circa €275 u hu propona li l-kunsill għandu jħallas dan l-ammont għax din is-sinjura sofriet ħsarat intortament. Is-Sur Nazju Cassar flimkien mal-kunsilliera Charmaine Balzan ma qablux ma din il-proposta minħabba l-fatt li dan ser joħloq preċedent fuq każijiet simili u l-kunsill jkollu jħallas la jkun aċċetta dan il-każ. Ġie deċiż li din i-sinjura tiġi avżata bid-deċiżjoni tal-Kunsill. — Talba għal refużjoni.

26.14.06 Fil-laqgħa tal-Kunsill issemma' l-inċident li seħħ f'Bieb ir-Ruwa fejn kien propost li jiġu installati traffic lights biex tiżdied is-sigurtà għar-residenti li joqgħodu fl-akwati. — Traffic Lights

26.15 **Appuntament għas-seduta li jmiss** — Aġġornament

Il-laqgħa intemmet fis-7.35pm u l-appuntament li jmiss se jkun nhar is-17 ta' Ġunju, fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 17.6.26 | minn Sandro Craus |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |